**5 ta' Frar, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Micallef

*versus*

George Pavia

**Ritrattazzjoni – Rikuża u/jew Astenzjoni ta' l-Imħallfin jew Maġistrati**

*Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru et" fl-10 ta' Ottubru 1991 iddeċidiet li fil-każ ta' ritrattazzjoni a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12 l-Imħallfin jew Maġistrati li jkunu taw is-sentenza attakkata jistgħu jiġu rikużati u/jew jistgħu jastjenu milli joqogħdu fil-kawża ta' ritrattazzjoni, u b'hekk illum hemm deroga ta' natura kostituzzjonali għall-imsemmi artikolu 814 Kap. 12.*

*Huwa evidenti illi biex din id-deroga jkollha effett il-Qorti, kemm fil-każ ta' rikuża kif ukoll fil-każ ta' astensjoni, trid tkun sodisfatta li, almenu prima facie, it-talba ta' ritrattazzjoni tkun verament a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12. Jiġifieri minn eżami raġonevoli imma mhux approfondit tal-kawżali, kif espressa fil-petizzjoni, dik il-bażi tirriżulta li mhix frivola, leġġiera, jekk mhix addirittura apparenti jew formali biss.*

1. Din il-kawża ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 1992;

2. George Pavia fis-16 ta' Marzu, 1992, ippreżenta petizzjoni, l-att promotur tal-preżenti proċediment, u qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawża, a bażi ta' l-artikolu 811(e) Kap. 12;

3. L-istess George Pavia, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 1992, irrikuża t-tlett imħallfin li ppronunzjaw is-sentenza impunjata, u din ir-rikuża hija s-suġġett tal-preżenti deċiżjoni fuq din l-eċċezzjoni ta' rikuża – artikolu 738(2) Kap. 12;

4. L-artikolu 814 Kap. 12 jistabbilixxi li:

It-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistgħu joqogħdu l-istess imħallfin jew maġistrati";

5. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "Frank Cachia *vs* Onorevoli Prim Ministru *et*" fl-10 ta' Ottubru, 1991 iddeċidiet li fil-każ ta' ritrattazzjoni a bażi tas-sub inċiż (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12 l-imħallfin jew maġistrati li jkunu taw is-sentenza attakkata jistgħu jiġu rikużati u/jew jistgħu jastjenu milli joqogħdu fil-kawża ta' ritrattazzjoni u b'hekk illum hemm deroga ta' natura kostituzzjonali għall-imsemmi artikolu 814 Kap. 12;

6. Huwa evidenti illi biex din id-deroga jkollha effett il-Qorti, kemm fil-każ ta' rikuża kif ukoll fil-każ ta' astensjoni, trid tkun sodisfatta li, almenu *prima facie,* it-talba ta' ritrattazzjoni tkun **verament** a bażi tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 Kap. 12. Jiġifieri minn eżami raġonevoli imma mhux approfondit tal-kawżali, kif espressa fil-petizzjoni, dik il-bażi tirriżulta li mhix frivola, leġġiera, jekk mhux addirttura apparenti jew formali biss. Jekk tkun hemm, ma tistax tiġi milqugħa mingħajr ma ġġib ħsara u konfużjoni deprekabbli fis-sistema

organizzattiv ta' dawn il-Qrati u flok ma sservi biex tiġi amministrata l-Ġustizzja, tkun pretest biex min ikun sokkombenti fl-ewwel ġudizzju, mhux biss jerġa' jiftaħ kawża definita, imma wkoll li jiftaħha quddiem tlett imħallfin differenti. Perikolu doppju ta' dak li, f'materja ta' ritrattazzjoni, ilu li ġie ravviżat fil-ġurisprudenza, kif ġie awtorevolment espress minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' April, 1958, fl-ismijiet "Rev. Saċerdot Dun Giuseppe Aquilina *vs* Francesco Aquilina";

7. Waħda mir-raġunijiet li jiġġustifikaw talba għar-ritrattazzjoni, tirrikorri:

"jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ **biss** li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni";

u dan skond l-art. 811(e);

L-artikolu 816, jippreċiża li fl-att stess li bih tintalab ir-ritrattazzjoni, jgħid li:

"...meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata";

8. Il-pretensjonijiet ta' George Pavia, fuq din il-kawżali, huma tnejn:

(a) L-ewwel waħda hija espressa hekk:

"Jidher li din il-Qorti *'inter alia'* akkoljiet l-appell essenzjalment **fuq il-fatt** illi fl-istadju ta' l-appell ir-rikorrent offra 'abitazzjoni alternattiva'. Mill-qari ta' l-artikolu 9(6) tal-Kap. 69 jidher illi l-eżami ta' l-aġjatezza tal-fond offrut, anki in relazzjoni mal-kwistjoni tal-*hardship* relattiv, hi riservata *di rigore* lill-Bord";

(b) It-tieni tgħid:

"Illi inoltre ma kienx korrett għall-Qorti ta' l-Appell, jekk din verament għandha funzjoni ta' Qorti ta' reviżjoni, u mhux Qorti ta' prim'istanza, illi tikkonsidra provi ġodda li r-rikorrent naqas li jressaq quddiem it-tribunal (kif *del resto* rravviżat fis-sentenza tal-Bord)...";

9. L-ewwel pretensjoni tidher *"prima facie"* li tikkwalifika bħala waħda li mhix frivola u għalhekk tista' sservi ta' kawżali fis-sens li, ġaladarba l-fatti huma dawk li hemm fis-sentenza, il-Qorti ma kellhiex tgħaddi għas-sentenza imma kellha, anzi kienet **obbligata,** li tibgħat il-kawża lura quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera – applikazzjoni ħażina tad-dritt proċedurali;

It-tieni raġuni però ma tidhirx li tikkwalifika bl-istess mod, għaliex meta l-Qorti ta' l-Appell ippermettiet provi ġodda billi applikat l-artikolu 208(d) Kap. 12, xejn ma jingħad fil-petizzjoni ta' Pavia u ma **tissemma ebda liġi oħra li missha ġiet applikata flok din;**

10. Għal dawn ir-raġunijiet l-imħallfin komponenti din il-Qorti qed jaċċettaw l-eċċezzjoni ta' rikuża u r-ritrattazzjoni tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti diversament komposta.

**Spejjeż riservati.**